**Minuti**

**Laqgha Tal-Kunsill Lokali Birkirkara**

**ID-DISGHA LEGISLATURA**

**Laqgha numru 35**

**15 ta' Diċembru 2025**

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ltaqa' fl-Ufficcju Amministrativ tiegħu li jinsab ġewwa iċ-Ċentru Ċivku, tieni sular, Triq Tumas Fenech Birkirkara fil-6 ta' filgħaxija.

**Prezenti:**

Desirei Grech – Kunsillier
Yana Borg Debono Grech - Kunsillier
Kaylocke Buhagiar - Kunsillier
Rosette Cassar – Kunsillier
Luke Vella - Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Jade England- Kunsillier
Karl Cutajar - Kunsillier

**Ufficjal Prezenti:**

Christine Jo Mansuto - Segretarju Ezekuttv

**Assenti b'apologija:**

Stefano Sicari – Kunsillier
Alfred Attard – Kunsillier
Gilmour Borg – Kunsillier
Maurizio Gauci – Vici Sindku

**Assenti:**
**Ħadd**

**35.1 Qari tal-ittri t' apoloġiji**

**35.1.1** Il -laqgħa tal-kunsill bdiet fil-5.35 pm.

**35.1.2** Is-Sindku Desirei Grech staqsiet jekk kienx hemm ittri t'apoloġija u Segretarju Eżekuttiv wieġbet li kien hemm erba' dik tas-Sur Stefano Sicari, tas-Sur Alfred Attard , tas- Sur Gilmour Borg u tas-Sur Maurizio Gauci

**35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

**34.2.1** Is-Sindku Desirei Grech staqsiet jekk kienx hemm kummenti fuq il minuti preċedenti nu33 u , nu 34. Ma kien hemm l-ebda kumment u l-minuti ġew ikkunsidrati moqrija u koretti.

**34.2.2** Is-sur Luke Vella ippropona u Sa Marie Claier issekondat baħla koretti il- tal laqgħat 33 u 34

**35.3 Arisings mill-Minuti**

**35.3.1** Xejn

**35.4 Preżentazzjoni Q3**

**35.4.1** Is-sindku talbet lil dawk preżenti sabiex taqbeż għal-item 35.5 Komunikazzjoni mis-sindku peress li s-Sa Lorna kienet għadha ma waslietx.

35.4.2 Is-sindku infurmat li segretarju Eżekuttiv preċedenti Reġgħet bagħtet kommunikazzjoni sabiex titħallas għal Performance Bonus tas-sena 2023. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil sabiex din tingħata dak li hu mitlub mill liġi biss.

**35.4.1** Fil 5.43 pm waslet L-Accountant u s-sindku Desirei Grech talbet lis-Sa Lorna Sultana sabiex tipproċedi bil preżentazzjoni tal-Querterly financial Report 3 .

**35.4.2** Is-Sa Lorna għaddiet spjegazzjoni fil qosor tar-rapport.

35.4.3 Is-sindku talbet lil Dawk preżenti jekk kienx hemm xi kummenti fuq ir-rapport, fejn ma kienx hemm kummenti. Hija talbet ukoll vot għall approvazzjoni. Q3 ġie approvat b'mod unanimu bejn dawk preżenti.

**35.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku- kontinwazzjoni.**

**35.5.1** Is-sindku Infurmat lil dawk preżenti li Ħarġet skema għall-Kommunita – skema li tinkludi manutenzjoni ta' binijiet / postijiet pubbliċi u qedin naħsbu sabiex napplikaw għaliha. Hija spjegat kif tkelmet mal-Kapitlu Elenjan biex isir restawr taz-zuntier tal-Knisja, għaliex huwa post frekwentat nies u kelna ħafna rapporti li dan jinsab f'qada ħażina. Il-kapitlu infurmana wkoll li l-kolloni u l-art tad-dawra tal-knisja jinsabu fi stat ħazin u tinħass il-bżonn li dawn ukoll jiġu rranġati – iżda peress li din l-iskema toffri budget limitat ser inkunu qed napplikaw biss għaz-zuntier. Hija kompliet tgħid li għal kumplament taz-zuntier ser nkunu qegħdin naraw insibu skemi oħra jew fondi li jistgħu jintużaw biex nagħmlu l-proġett kollu. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti sabiex issir l-applikazzjoni.

**35.5.2**. Is-sindku Infurmat lil dawk preżenti li ġiet mitluba għall għajnuna mill Knisja San Pawl, huma staqsew nistgħux inkopru l-ispejjes tal-Insurance għall attività li ser issir s-Sibt U Ħadd kif ukoll għal tokens jew ċertifikat għat-tberik tal-annimali. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti.

**35.5.3** Is-Sa Rosette Cassar ingħaqdet għall laqgħa tal-kunsill 17.35pm

**35.5.4** Is-sindku Infurmat lil dawk preżenti li L-għaqda Banda Duke of Counnaghts Own talbet sabiex bħall ma diġa sar aktar kmieni din is-sena nkopru l-ispiża ta trasport u xi rigal għall ġemellaġġ ieħor li qed isir mill istess għaqda. Hija ħeġġet lil dawk preżenti sabiex ningħaqdu magħhom.

**35.5.5** Is-sur Kaylocke ikkummenta li din kienet xi haġa pożittiva li għaqda qed tagħmel ġemellaġġ.

**35.5.6** Is-sur Antoine staqsa għaliex il-kunsill ma jorganizzax ġemelaġġi fejn ġie rispost li jridu isiru il-kuntatti l-ewwel u mbgħad nipproċedu.

**35.5.7** Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti sabiex nghinu lil din l-għaqda.

**35.5.8** Is-sindku Infurmat lil dawk preżenti li kienu saru xi barriers fi triq Dun Karm. Hija staqsiet lis-segretarju eżekuttiv kienetx infurmata b'dan it tibdil. Is-segretarju Eżekuttiv qalet li kien hemm talba min dipartiment tal gvern sabiex il-binja preċedentement imsemmija Orange Point kienet temporanjament ser tinbidel f'fergħa tas-CDAU fejn jiġu trattati tfal bi bżonnijiet speċjali u għalhekk dawn għamlu talba ma TM ħabba raġunijiet ta safety tat-tfal.

**35.5.9** Is-sur Kaylock ikkumenta li dawn il barriers mhumiex sodi u ittieħdu anki xi parking spsces habba residenti.

**35.5.10** is-sindku talbet sabiex niċċekjaw ma Tm sabiex naraw jekk kienux approvati minnhom.

**35.5.11** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li ħadna żewġ skemi li konna ssottometejna l-applikazzjoni għalijhom. Skema SPI. SCI 07 Komunitajiet aktar b'saħħithom din ser tkun qed tkopri parti min nefqa mill-ispiza kollha tal-Progett ta' John Borg. u SPI. SCI 06 Manutenzjoni u Sostenn Proġetti Maġġuri. L-istess din ser tkun qed tkopri parti mill-ispiza tan-nefqa għat-tiswija tal-Culvert quddiem il-kunsill.

**35.5.12** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti bis-suċċess għaż-żewg attivitajiet li ġew organizzati fl-aħħar jiem - Iljieli Mkebbsa u Jum Birkirkara fejn l-attendenza kienet tajba sabiħa u Pożittiva. Hija ħadet l-opportunità biex irringrazzjat lil Kunsillier Kaylocke Buhagiar li taħtu jaqa' dan id-dekasteru li flimkien magħa ħadu ħsieb ħsieb il-preparamenti. Hija irringrazzjat ukoll lill-kunsilliera li kienu preżenti

35.5.13 Is-sindku informat lil Dawk preżenti li bħalissa għaddejin bil-preparamenti għall Milied taħt iz-zuntier – 4 tijiem li se jkunu mimlija daqs bajda, u ħeġġet lil kunsilliera sabiex jipparteċipaw u jkunu preżenti.

35.5.14 Is-Sindku informat lil Dawk Preżenti li ġejna infurmati li l-Ktieb Muża Karkariża ġie jiswa ftit aktar min kif kien mitlub oriġinarjament peress li żdiedu xi paġni meta irranġaw is-settings tal printing. L-ispiża żdiedet bl-ammont ta approx €300. Kien hemm approvazzjoni bejn dawk preżenti biex titħallas id-differenza.

**35.5.15** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li t-Taħditiet dwar il Patrimonju Karkariż li kienu skedati għall Ottubru u Novembru ġew fi tmiemhom u għaddejin il-preparamenti neċessarji biex tittella' skeda oħra ta' Taħditiet dwar. Hija rringrazzja lill-kunsilliera Antoine Attard u Marie Claire Zammit li flimkien mal-ħaddiema tal-kunsill ħadu ħsieb l-organizzazzjoni

**35.5.16** Is sindku infurmat lil Dawk preżenti li l-Kunsillier Alfred Attard għarrafna li ser jibda jieħu ħsieb hu l-ħaddiema tat-Turism Zones Regeneration Agency biex issir manutenzjoni f'zoni differenti f'Birkirkara bħal ma kien qed isir fl-ewwel sena ta' dan il-Kunsill, bid-differenza li issa ser jieħu ħsieb il-Kunsillier Alfred Attard.

**35.6 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**35.7.1** Ma kien hemm xejn

**35.7 Rapporti**

**35.7.1 Is-Sindku infurmat li** fid-9 ta' Diċembru saret il-laqgħa Ġenerali Anwali u matul il-laqgħa ġie ppreżentat rapport ta ħidma kif ukoll ġie ppreżentat l-Budget 2026. Hija rringrazjat lil kunsilliera li attendew.
**35.7.2** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li giet mgħażulgħa l-persuna sabiex tieħu l-Victor Zammit appriciation Award. Is-Sur Salvu Frankalanza ġie mgħażul mil kumitat li ltaqa għall żewġ laqgħat fejn fijhom thejjew linji gwida kif għandu jingħata dan il-premju. Il-kumitat se jibqa' jintaqa' matul is-sena biex flimkien jiġu organiżżati inizjattivi sportivi għat-tfal u zgħazagħ Karkarizi, bil-għan li nkomplu nagħmlu reach out f'kull faxxa tas-soċjetá.

**35.8 Amministrazzjoni**

**35.8.1** Is-sindku infurmat li Fl-aħħar ġimgħat kellna riżenja ta' Ħaddiem klerikali. Dan intalab x'kienet ir-raguni tiegħu fejn hu qalilna li jixtieq xogħol differenti milli kien qiegħed jagħmel fil-

kunsill u ser jaħdem għal Rasu. Għaldaqstant ser inkunu qegħdin noħorġu sejħa skala 16 oħra biex dan jiġi replaced. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti.

**35.9 Approvazzjoni ta' skedi ta' ħlasijiet**

**35.9.1** Is-sindku staqsiet jekk kienx hemm kummenti dwar l-iskeda ta pagamenti. Ħadd ma kkumenta u allura ħlasijiet ġew approvati b'mod unanimu bejn dawk preżenti.

35.9.2 Skedi ta' ħlasijiet gew approvati mis-Sur Luke Vella u ssekondat is -Sa Jade England.

**35 10. Preżentazzjoni tal Buget finanzjarju 2026**

**35.10.1** Is-sindku stiednet lis Sur Christian Vella sabiex jippreżenta il-Budget ghas-sena 2026. Huwa għadda rapport dettaljat ta kif ipproġetta li ser jitqassmu il-finanzi allokati mil-Gvern Lokali kif ukoll informa li matul iż-żmien jaf ikun hemm aġġustamenti skont il-ħtieġa. Dan jirrifletti ukoll kawżi pendenti fil qorti fost oħrajn.

**35.11Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

35.11.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiema fis 7.00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda. Data għal laqgħa li jmiss it-Tnejn 12 ta' Jannar 2026 fil 5.30pm

Iffirmati

Christine Jo Mansueto